TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 222/12-F

**Manuel Mercieca f'isem il-komun ta' Tal-Quċċata Apartments**

**vs**

**Piu Camilleri għan-nom tal-Kumpanija L-Għajn Construction Company Ltd.**

Illum 12 ta' Ġunju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Settembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħamest'elef, mija u disgħa w għoxrin ewro (€5,129), ridott għall-ammont permess tal-Liġi sabiex tagħmel din il-kawża fejn talbu illi jiġi installat il-lift jew jingħataw kumpens peress illi kien hemm dan il-ftehim fil-kuntratt.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti Manuel Mercieca wieħed mis-sidien tal-propjeta', ikkonferma illi talabhom li jiġi estiż l-installazzjoni tal-lift peress li dan il-lift kien għoli, jiġifieri li jiswa ħafna flus u qabel ma kien ha jkun lest, ma jridux jużawh għall-affarijiet li mhux l-użu intiż.

It-Tribunal, sema' wkoll ix-xhieda ta' Susan Ann Wheildon bl-Ingliż u bil-ġurament, fejn ukoll qalet l-istess ħaġa li l-użu tal-lift ġie pospost, biex ma jużawhx għall-affarijiet li ma kienx intiż.

Illi t-Tribunal, sema' wkoll ix-xhieda tal-intimati bil-ġurament, li kien sar ftehim sabiex ma jintużax il-lift minħabba l-fatt illi r-residenti ma ridux illi jintuża sabiex iġorr il-materjal tal-bini. L-istess ħaġa qal Ludwig Camilleri, li kienet fuq rikjesta tar-rikorrenti li ma jintużax il-lift. Illi ġara issa li għadda ż-żmien, u l-lift meta ġie biex jiġi ikkummissjonat ġralu l-ħsara u ħafna mill-parts issaddu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi hu min hu li talab il-posponiment tal-lift m'għandux ikun li l-parts tal-lift jissaddu u dan juri li daħal xi ilma minn x'imkien u ikkawża l-problema.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat huwa responsabbli sabiex dan il-lift jiġi installat u jiffunzjona.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**